MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 111/2016 LM

**Fleur Debono (ID 206595M)**

***vs.***

**Shanylee Reed (ID 274095M) u Brian (ID 122871M) u Romina (ID 330670M) konjuġi Reed għal kull interess li jista' jkollhom, u b'digriet mogħti fis-16 ta' Ġunju, 2016 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* is-soċjetà Untours Insurance Agency Ltd (C5655), u permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru, 2017 ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-11 ta' Frar, 2016 mill-attriċi **Fleur Debono** (ID 206595M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi kif jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija u mill-proċess verbal annessi u mmarkati bħala Dok. MZM 1 u Dok. MZM 2, fit-13 ta' Frar, 2011 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, waqt li r-rikorrenti kienet riekba fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG – 195 li kienet misjuqa mill-intimata Shanylee Reed li tilfet il-kontroll tal-vettura, u b'tali konsegwenza baqgħet dieħla f'siġra li tinsab mal-ġenb tal-istess triq, liema inċident seħħ unikament tort tal-intimata Shanylee Reed u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha, meta saqet il-vettura msemmija b'veloċità qawwija ħafna tant li bl-impatt il-vettura spiċċat daret dawra ta' mija u tmenin grad (180), u meta kellha biss sittax (16)-il sena, u kwindi ma kellhiex liċenzja tas-sewqan, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi l-impatt tant kien vjolenti li sabiex ir-rikorrenti nħarġet mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG-195 kien jeħtieġ is-servizz tal-membri tal-Protezzjoni Ċivili, u dakinhar stess ir-rikorrenti ttieħdet l-Isptar Mater Dei għal kura immedjata stante illi din sofriet ġrieħi ta' natura gravi u kienet fil-periklu tal-mewt;*

3. *Illi riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sfat imweġġa' gravament tant li baqgħet issofri minn debilità permanenti, liema ġrieħi, partikolarment f'wiċċha, ser ikollhom effetti fit-tul – u dan kif jirriżulta mir-Rapport Mediku hawn anness u mmarkat Dok. MZM 3;*

4. *Illi l-intimati Brian u Romina konjugi Reed, qua ġenituri tal-intimata Shanylee Reed, taw lok għall-inċident in kwistjoni, meta bin-negliġenza tagħhom ippermettew aċċess faċli għaċ-ċwievet tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG-195 li eventwalment ittieħdu faċilment minn binthom, Shanylee Reed, u konsegwentement naqqsu fid-dmir tagħhom ta' bonus paterfamilias fir-rigward ta' binthom minuri ta' dak iż-żmien – u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti ġarrbet danni damnum emergens li jinkludu spejjeż ta' tobba u speċjalisti, telf ta' xogħol u telf ieħor – kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u minħabba l-ġrieħi gravi li ġarrbet konsegwenza tal-istess inċident, ir-rikorrenti sofriet ukoll danni lucrum cessans minħabba debilità permanenti riskontrata u aċċertata (Dok. MZM 3);*

6. *Illi l-intimata Shanylee Reed kienet ammettiet għall-akkużi kollha miġjuba kontriha fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Juvenile Court) inkluż l-akkuża li kkawżat ġrieħi gravi fuq il-persuna tar-rikorrenti – u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

7. *Illi għal dawn id-danni jaħtu l-intimati, jew min minnhom, li b'għemilhom u b'culpa u/jew traskuraġni huma unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

8. *Illi interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' dan l-inċident, permezz ta' ittra uffiċjali datata il-31 ta' Ottubru, 2012, l-intimati baqgħu inadempjenti, u għalhekk ġew istitwiti dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet esposti, l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident illi seħħ fit-13 ta' Frar, 2011 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, seħħ unikament tort tal-intimati Shanylee Reed, Brian u Romina konjugi Reed, jew min minnhom, u minħabba culpa u/jew negliġenza da parti tagħhom;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, u dan occorrendo bl-opera ta' periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti stess;*

3. *Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu kwalunkwe somma ta' danni hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Ottubru, 2012, dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf, u bl-imgħaxijiet legali sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Shanylee Reed** (ID numru 274095 M), **Brian** (ID numru 122871M) u **Romina** (ID numru 330670M) **konjugi Reed** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Marzu, 2016, u maħlufa minnhom stess, li biha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament, l-azzjoni intentata fil-konfront tal-esponenti hija preskritta bid-dekors tas-sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 u alternattivament skont l-artikolu 2154 tal-Kap. 16;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront tagħhom, il-konjugi Brian u Romina Reed għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma ma jaħtu bl-ebda mod għall-akkadut u mhumiex responsabbli fil-konfront tal-attriċi;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, assolutament mhuwiex minnu li l-istess konjugi Brian u Romina Reed ippermettew aċċess faċli għaċ-ċwievet tal-vettura de quo;*

*4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-inċident de quo seħħ minħabba l-insistenza u l-pressjoni eżerċitata mill-attriċi fuq l-esponenti Shanylee Reed sabiex dawn joħorġu bil-karozza proprjetà tal-ġenituri ta' din tal-aħħar u allura ċertament li għandha tkun l-attriċi li tiġi ritjenuta responsabbli tal-akkadut;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u in ogni każ, l-attriċi hija tenuta iġġorr persentaġġ għoli ta' responsabbilità kontributorja għall-akkadut;*

*6. Illi in ogni każ qed jiġi wkoll disputat il-persentaġġ ta' diżabilità permanenti hekk kif stabbilit mill-Professur Darmanin;*

*7. B'riserva għal azzjonijiet oħrajn permissibbli fil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2016 fejn is-soċjetà Untours Insurance Agency Ltd (C5655) ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* a tenur tal-artikolu 960 tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà intervenuta fil-kawża **Untours Insurance Agency Ltd,** (minn issa 'l quddiem "l-intervenuta fil-kawża"), li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2016, u maħlufa minn Richard Vella (ID 523359M) għan-nom tal-istess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) hija respinta u kontestata;*
2. *Illi fil-mument tal-inċident is-sewwieqa Shanylee Reed ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni maħruġa mis-soċjetà Untours Insurance Agents Ltd;*
3. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħrajn permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' April, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jagħmlu noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attriċi u l-konvenuta Shanylee Reed kienu involuti f'inċident awtomobilistiku li seħħ fit-13 ta' Frar, 2011, fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, meta l-konvenuta Shanylee Reed, li dak iż-żmien tfajla kellha ħmistax-il sena, kienet qiegħda ssuq vettura proprjetà ta' missierha, il-konvenut Brian Reed, bl-attriċi, ukoll persuna taħt l-età riekba fil-vettura magħha bħala passiġġiera. Il-konvenuta la kellha liċenzja tas-sewqan u lanqas ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni. Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi, li konsegwenza ta' dan l-inċident kellha tiġi rikoverata l-Isptar u saħansitra kienet fil-periklu li titlef ħajjitha, qiegħda titlob li l-konvenuti Reed, jew min minnhom, għandhom jinżammu responsabbli għall-inċident li fih l-attriċi spiċċat b'feriti gravi u b'debilitajiet ta' natura permanenti, u qiegħda titlob ukoll li din il-Qorti

tillikwida d-danni sofferti minnha u tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom kien responsabbli ta' dan l-inċident, għall-ħlas tal-istess.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom eċċepew il-preskrizzjoni ai termini tal-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll eċċepew li l-ġenituri tal-konvenuta Shanylee Reed m'għandhomx jinżammu responsabbli għal dan l-inċident. Huma eċċepew ukoll li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba pressjoni kkawżata mill-attriċi, li bl-aġir tagħha, skont huma, ikkontribwiet għall-inċident inkwistjoni.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur imressaq minnha, l-attriċi esebiet kopja tal-*procès verbal* tal-atti tal-proċeduri kriminali li nstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[1], u dan in segwitu għall-inċident mertu ta' din il-kawża, li wassal biex l-attriċi sofriet minn ġrieħi ta' natura gravi tant li għal xi żmien kienet fil-periklu tal-mewt. Mill-atti tal-*procèss verbal* jirriżulta li l-inċident seħħ fit-13 ta' Frar, 2011 fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, b'vettura appartenenti lill-konjugi Brian u Romina Reed, u dan wara li binthom minuri, il-konvenuta l-oħra Shanylee Reed ħadet iċ-ċwievet tal-istess vettura bil-moħbi tal-ġenituri tagħha, u marret dawra biha, bl-attriċi riekba bħala passiġġiera magħha. Mill-atti tal-inkjesta rriżulta wkoll li minkejja li l-konvenuta ma kinitx qiegħda ssuq b'veloċità  li teċċedi l-ħamsa u tmenin kilometru fis-siegħa (85 km/s), tenut kont tal-fatt li din kienet sprovvista kemm minn liċenzja tas-sewqan kif ukoll minn esperjenza fis-sewqan, hi ma kinitx kapaċi tikkontrolla l-vettura

[1] *A fol.* 7 sa *fol.* 66 tal-proċess.

inkwistjoni, tant li l-inċident inkwistjoni seħħ meta hi tilfet il-kontroll tal-vettura, ħabtet ma' siġra u l-impatt tant kien kbir li għal xi ħin il-partijiet lanqas biss setgħu jinħarġu mill-vettura u kellhom jinħarġu bl-għajnuna ta' uffiċjali mit-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili.

L-attriċi esebiet ukoll kopja tar-rapport mediku redatt mill-kirurgu **Mr Francis Darmanin**[2], li kkonstata li l-attriċi kienet involuta f'inċident tat-traffiku waqt li kienet riekba bħala passiġġiera f'vettura misjuqa minn ħabiba tagħha. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi ttieħdet fl-Isptar Mater Dei fit-Taqsima tal-Kura Intensiva, fejn ġie kkonfermat li l-ġrieħi li kellha kienu partikolarment f'wiċċha u li din kienet qiegħda ssofri minn '*blunt abdominal trauma'* li tinvolvi organi bħalma hu l-fwied. Lill-attriċi sarilha intervent minn Mr Darmanin dakinhar tal-inċident stess filgħodu, u dan sabiex setgħu jitnaddfulha l-feriti li kellha, filwaqt li nżammet l-Isptar għall-osservazzjoni. Ix-xhud reġa' invista lill-attriċi fi klinika f'Ħ'Attard fis-16 ta' Mejju, 2011, fejn ġie kkonstatat li din kien għad għandha xi ġrieħi jidhru, partikolarment f'wiċċha, u li dawn il-marki huma ta' natura permanenti. Hu qal ukoll li minħabba l-età tenera tal-attriċi, din kienet esprimiet sens ta' biżgħa minħabba d-dehra ta' wiċċha u x-xhud qal li dan kollu jista' jaffettwaha psikoloġikament. Ix-xhud qal ukoll li ma jistax jeskludi li l-attriċi jkollha bżonn interventi kirurġiċi fil-futur, filwaqt li rimedji oħra li din għandha għad-dispożizzjoni tagħha jinkludu trattament bil-*laser*, u l-użu ta' *make-up* apposta biex jaħbi l-ġrieħi u l-marki li l-attriċi għandha f'wiċċha. Ix-xhud ikkonkluda li hu jqis li konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi għandha diżabilità permanenti ta' sbatax fil-mija (17%).

[2] *A fol.* 80 tal-proċess.

L-attriċi għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[3], fejn qalet li hi kienet taf lill-konvenuta Shanylee Reed mill-iskola, għalkemm fil-bidu li dawn saru jafu lil xulxin, kien hemm episodji ta' *bullying* da parti tal-konvenuta Shanylee Reed fuq l-attriċi, u konsegwenza ta' dan, kien hemm ukoll żmien meta l-attriċi bdiet tmur lura akkademikament. Minkejja dan, għadda ż-żmien u l-partijiet saru ħbieb tant li bdew joħorġu flimkien, għalkemm l-attriċi qalet ukoll li hi dejjem kienet tħoss element ta' pressjoni fuqha (*peer pressure*) meta tkun fil-preżenza ta' Reed. Hi kompliet tgħid kif lejlet l-inċident, fit-12 ta' Frar, 2011, hi kienet marret fid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta, u li waqt li kienet rieqda, għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu, ġiet imqajma mill-konvenuta Shanylee Reed li ħajritha tmur dawra magħha bil-karozza tal-ġenituri tagħha. Skont l-attriċi, il-konvenuta Shanylee Reed bdiet tgħidilha li hi kienet taf issuq, u li kieku tmur magħha kienu ser jieħdu gost. Il-karozza ta' omm il-konvenuta, kienet ipparkjata taħt it-tieqa tal-kamra tas-sodda tal-konvenuta Shanylee Reed, u biex Shanylee Reed u Fleur Debono jiksbu aċċess għall-vettura, telgħu fuq l-iskrivanija għal fuq il-ħoġor tat-tieqa, u qabżu għal fuq il-*bonnet* tal-karozza. L-attriċi xehdet li l-konvenuta Shanylee Reed ġabet iċ-ċwievet tal-karozza t'ommha minn ġol-kċina. Hi kompliet tgħid li l-konvenuta rnexxielha tistartja l-karozza t'ommha, u saqet biha għal madwar minuta, iżda wara ftit il-karozza waqfet minħabba li kienet bla petrol. L-attriċi qalet ukoll li huma bdew jippruvaw jimbuttaw il-karozza lura f'postha, u f'ħin minnhom saħansitra laqtu bieba u kkawżaw ħsara fl-istess karozza, u meta raw li ma kienx ser jirnexxilhom idaħħlu l-karozza f'postha waħedhom, talbu l-għajnuna ta' wieħed mill-ġirien li dak il-ħin inzerta fit-triq. L-attriċi allegat li kien f'dak il-ħin li l-konvenuta ppuntat lejn il-karozza ta' missierha, u qaltilha li jkun aħjar jekk

[3] A fol. 95 tal-proċess.

joħorġu biha, minħabba li dik żgur tkun mimlija bil-petrol. L-attriċi qalet li hi kienet qablet li tirkeb mal-konvenuta, u li wara li Shanylee daħlet lura d-dar biex ġabet iċ-ċwievet tal-karozza ta' missierha, it-tnejn li huma ddeċidew li jmorru dawra sa Paceville biha. L-attriċi qalet li l-konvenuta bdiet issuq b'veloċità għolja u ddeskriviet kif waqt il-vjaġġ tagħhom kien hemm għadd ta' drabi li fihom kienu ser jaħbtu. Iżda meta l-attriċi talbet lill-konvenuta biex tnaqqas mill-veloċità li bdiet issuq biha, din weġbitha li ma tistax minħabba li kien ser isir il-ħin għal missierha biex iqum u jmur ix-xogħol. L-attriċi qalet ukoll li l-konvenuta bdiet taċċellera tant li hi bdiet tibża' u f'ħin minnhom hi saħansitra hedditha li kienet ser ittella' l-*handbrake* tal-vettura, għalkemm qalet ukoll li hi qatt ma kienet ser tasal biex tagħmel dan. L-attriċi xehdet kif il-konvenuta baqgħet issuq b'dan il-mod sakemm il-partijiet waslu fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, fejn għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu seħħ l-inċident. Hi kompliet tgħid li l-ħabta kienet waħda kbira, u li ma tiftakar xejn x'ġara wara l-impatt, għalkemm meta ġiet f'sensiha sabet li kienet fit-taqsima tal-kura intensiva tal-Isptar b'diversi faxex ma' wiċċha. Hi qalet li għal diversi sigħat kienet fil-periklu tal-mewt u li t-tobba kienu infurmawha li kellha 97% riskju li titlef il-vista t'għajnejha x-xellugija. L-attriċi xehdet li l-konvenuta qatt ma marret taraha fl-Isptar, u li din qatt ma wriet xi forma ta' rimors għal li kien ġara, anzi għall-kuntrarju kienet tgħid li l-inċident seħħ tort tal-attriċi. L-attriċi qalet ukoll li hekk kif ġiet rilaxxjata mill-Isptar, bdiet tirrealizza x'ġara u li ħajjitha nbidlet kompletament minħabba l-farretti viżibbli li kellha f'wiċċha, li għal snin twal wassluha biex tinqata' kompletament mis-soċjetà u tevita kuntatt man-nies. Qalet ukoll li minkejja li kienet irreġistrata bħala studenta fil-*Higher Secondary*, hi rari kienet tmur skola minħabba li l-konvenuta Shanylee Reed ukoll kienet tmur hemmhekk. L-attriċi qalet li dan kollu wassal

biex hi tilfet il-ħbieb li kellha, u kellha saħansitra tmur għall-kura psikjatrika minħabba fid-dipressjoni li ħakmitha. L-attriċi qalet ukoll li hi u Shanylee Reed kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba fl-inċident, iżda filwaqt li l-konvenuta kienet ammettiet għall-akkużi miġjuba kontriha, l-attriċi kienet ġiet illiberata mill-akkużi b'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell.

Omm l-attriċi, **Nazzarena *sive* Rena Debono** ukoll għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[4] fejn ikkonfermat dak kollu li xehdet bintha l-attriċi, u qalet li bintha kienet tifla bilgħaqal u tipprometti akkademikament. Ix-xhud tgħid li minn wara l-inċident ħajjet bintha nbidlet ta' taħt fuq kemm minħabba t-trawma li għaddiet minnha, kif ukoll minħabba l-ġrieħi ta' natura permanenti li sofriet. Ix-xhud ikkonfermat kif wara l-inċident l-attriċi ngħalqet fiha nnifisha u bdiet tevita kuntatt man-nies, u li dan wassalha biex taqa' f'dipressjoni, li kienet għadha tieħu kura għaliha fiż-żmien li kienet qiegħda tixhed fl-2016, ċjoè ħames snin wara l-inċident. Omm l-attriċi xehdet li minkejja li fuq bintha sar intervent tal-kirurġija plastika, uħud mill-marki li kellha f'wiċċha baqgħu jidhru, u li l-kirurgu li operaha kien infurmaha li min-naħa tiegħu ma kien hemm xejn aktar x'jista' jsir. Qalet ukoll li meta tkellmu ma' tobba oħra, dawn infurmawhom li jeżisti trattament bil-*laser*, li iżda ma joffrix garanzija li l-marki jitilqu għalkollox.

L-attriċi esebiet ukoll għadd ta' irċevuti, kif ukoll kopja tal-pariri mediċi li ngħatat fir-rigward.[5]

Fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2016 xehdet **Dr Elizabeth Quintano**[6], Assistent Reġistratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali, li esebiet kopja tas-sentenza

[4] *A fol.* 98 tal-proċess.
[5] *A fol.* 99 sa 111 tal-proċess.

mogħtija mill-Qorti tal-Minorenni fir-rigward kemm tal-attriċi[7] kif ukoll tal-konvenuta.[8]

Fl-istess udjenza xehed l-**Ispettur Robert Vella**[9], li kien involut fl-inkjesta maġisterjali fir-rigward tal-inċident mertu ta' din il-kawża. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija rigward tal-inċident[10], minn fejn irriżulta li l-attriċi kienet passiġġiera f'vettura misjuqa mill-konvenuta, fl-għodwa tat-13 ta' Frar, 2011. Kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenuta Shanylee Reed kienu minorenni, u ħadd minnhom ma kellu liċenzja tas-sewqan. Ix-xhud qal li hu kien bagħat għall-partijiet u kellimhom fl-għassa tar-Rabat fejn kien stazzjonat f'dak iż-żmien, u li sussegwentement kien ipproċeda b'passi kriminali kontrihom. Ix-xhud qal li l-attriċi kienet xehdet li minkejja li għall-bidu ma riditx li tirkeb fil-vettura mal-konvenuta Shanylee Reed, f'xi ħin kienet qalet ukoll li hi dejjem tieħu gost tmur dawra bil-karozza, u għalhekk kienet aċċettat li tirkeb mal-konvenuta, u dan minkejja li kienet taf li l-konvenuta kienet minorenni u ma kellhiex liċenzja tas-sewqan. Mir-rapport esebit mix-xhud jirriżulta li fil-mumenti ta' wara l-inċident, il-konvenuta rnexxielha toħroġ mill-vettura waħedha, għalkemm l-attriċi kellha tinħareġ bl-għajnuna ta' uffiċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

---

[6] A fol. 121 tal-proċess

[7] Kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati *a fol.* 127 tal-proċess u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Marzu, *2016 a fol*. 130 tal-proċess. Bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, l-attriċi ġiet illiberata minn kull akkuża.

[8] *A fol.* 123 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li l-konvenuta ammettiet għall-akkużi li bil-ħsieb li tagħmel użu temporanju minn vettura tal-għamla Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni ABF-418 u vettura tal-għamla Toyota Sera bin-numru ta' reġistrazzjoni IBG-195, u dan mingħajr il-kunsens tas-sid jew sidien tal-imsemmija vetturi, bi ksur tal-artikolu 61(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, hi saqet l-istess vetturi mingħajr ma kellha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta, li saqet l-istess vetturi mingħajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni, li saqet il-vettura Toyota Sera bin-numru ta' reġistrazzjoni IBG-195 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża, bi ksur tal-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunat ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fleur Debono, u konsegwenza ta' dan, ġiet illiberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena, filwaqt li ssospendietha minn kull liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' sena u kkundannata tħallas parti mill-ispejjeż tal-proċeduri kriminali.

[9] *A fol.* 133 tal-proċess.

[10] *A fol.* 138 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed is-**Surġent Raymond Ambrogio**[11], li qal li dakinhar tal-inċident tat-13 ta' Frar, 2011, hu kien issejjaħ biex imur fuq il-post minħabba li kien is-surġent tal-għassa fil-Marsa, u meta wasal fuq is-sit tal-inċident kien sab vettura mkaħħla ma' siġra u żewġ tfajliet li sadanittant laħqu nħarġu barra mill-vettura, jistennew l-għajnuna medika. Ix-xhud speċifika li t-tfajliet kienu fi stat ħażin ħafna, u li qablu kienu laħqu waslu uffiċjali tat-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll ambulanza. Is-Surġent Ambrogio qal li minħabba li fil-ħin ta' wara l-inċident kien essenzjali li l-partijiet jittieħdu l-Isptar għall-kura, hu għażel li jagħmel l-istħarriġ tiegħu billi jmur iżurhom fid-djar tal-ġenituri rispettivi tagħhom, wara li dawn kienu ħarġu mill-Isptar. Ix-xhieda tal-partijiet jidher li baqgħet konsistenti, u t-tnejn li huma ammettew li l-konvenuta Shanylee Reed ippruvat tieħu l-vettura ta' ommha, iżda meta indunat li din kienet mingħajr petrol, iddeċidiet li ssuq il-karozza ta' missierha. L-attriċi rrepetiet il-fatti kif ġraw, iżda qalet ukoll li hi tul il-vjaġġ kienet ġibdet l-attenzjoni tal-konvenuta biex tnaqqas mill-veloċità li bdiet issuq biha.

Wara rikors li jġib id-data tal-14 ta' Ġunju, 2016, is-soċjetà Untours Insurance Agency Ltd (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta") ġiet awtorizzata tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis* minħabba li l-konvenuta Shanylee Reed ma kinitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni fil-ħin tal-inċident.

L-attriċi **Fleur Debono** xehdet fl-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2016[12], fejn spjegat li l-irċevuti esebiti minnha *a fol.* 99 *et seq* tal-proċess huma rċevuti ta' tobba u terapisti oħrajn li hi kellha tirrikorri għandhom fl-aħħar snin minn wara l-

---

[11] *A fol.* 146 tal-proċess.
[12] *A fol.* 156 tal-proċess.

inċident. L-attriċi qalet ukoll li d-dokument immarkat Dok. FD15[13] hu ċertifikat maħruġ mid-dermatoloġista kuranti tagħha bi stima ta' kemm jiġi jiswa t-trattament bil-*laser* li hi fi ħsiebha tagħmel. Qalet ukoll li minkejja li xi marki ser jibqgħu jidhru, hemm il-ħtieġa li jsiru bejn sitt u tmien sessjonijiet ta' terapija bil-*laser* sabiex tittaffa l-problema.

Wara n-nota konġuntiva ppreżentata mill-partijiet fl-1 ta' Settembru, 2016, il-Qorti ħatret lil **Mr Joseph Briffa**[14] bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attriċi, jistabbilixxi l-grad ta' debilità permanenti soffert minnha b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016 xehed **Stephen Cachia**[15], rappreżentant ta' Transport Malta, li qal li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBG 195 hija Toyota Sera ta' lewn aħdar, u li din kienet irreġistrata fuq Brian Reed. Ix-xhud speċifika li din il-vettura kienet ilha rreġistrata fuq Brian Reed sa mill-31 ta' Jannar, 2002, u li kemm-il liċenzja kif ukoll l-assigurazzjoni fuq il-vettura kienu jkopru l-perijodu mill-1 ta' Ottubru, 2010 sat-30 ta' Settembru, 2011. Ix-xhud qal ukoll li wara l-inċident, din il-vettura ġiet skrappjata.

Il-kontroeżami tal-attriċi sar fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016[16], fejn ikkonfermat li minkejja li kien hemm żmien li fih hi kienet tiġi *bullied* mill-konvenuta Shanylee Reed, wara xi żmien huma saru ħbieb tant li lejliet li seħħ l-inċident, hi kienet marret fid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta sabiex torqod għandhom. L-attriċi madankollu qalet li hi dejjem kienet tħoss li l-konvenuta kienet tagħmel ċerta *peer pressure* fuqha. Qalet ukoll li minkejja li dakinhar li

[13] Esebit *a fol.* 111 tal-proċess.
[14] *A fol.* 159 tal-proċess.
[15] *A fol.* 168 tal-proċess.
[16] *A fol.* 176 tal-proċess.

seħħ l-inċident, hija kienet fid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta flimkien ma' żewġt iħbieb oħra, il-konvenuta Shanylee Reed kienet qajmet lilha biss biex tmur dawra magħha bil-karozza. Qalet ukoll li hija kienet taf li Shanylee ma kellhiex liċenzja biex issuq, iżda din kienet qaltilha aktar minn darba li hi kienet taf issuq sew, u kienet poġġiet pressjoni fuqha biex tmur għal avventura magħha. L-attriċi xehdet li ma kinitx hi li ħarġet bl-idea li l-partijiet imorru dawra bil-karozza tal-missier wara li rriżulta li l-karozza tal-omm kienet bla petrol, u dan minħabba li hi ma kinitx taf li l-karozza tal-missier kienet ipparkjata fl-inħawi, jew din kellhiex petrol jew le. L-attriċi qalet li meta kellha ħmistax-il sena (15), l-età li kellha fiż-żmien tal-inċident, l-affarijiet kienet tarahom b'mod differenti minn kif tarahom issa. Lill-attriċi saritilha domanda dwar f'liema punt hi kienet heddet lill-konvenuta li kienet ser ittella' l-*handbrake* tal-vettura, u din qalet li dak il-ħin huma kienu Tas-Sliema. Qalet ukoll li hi kienet heddet lill-konvenuta li kienet ser tgħolli l-*handbrake* minħabba li riedet li l-konvenuta tnaqqas mill-veloċità tagħha. Ix-xhud kompliet tgħid li hi qatt ma kienet ser tagħmel 'ġennata' u tmur ittella' l-*handbrake* tal-vettura meta kienu għaddejjin b'veloċità daqstant eċċessiva. L-attriċi qalet ukoll li hi ma tiftakarx x'ġara fi Triq Aldo Moro.

Għad-domandi tad-difensur tas-soċjetà intervenuta dwar il-mod kif saqet il-konvenuta Shaynlee Reed, l-attriċi qalet li kien jidher ċar li l-konvenuta kienet taf issuq, u li l-karozza tal-omm ma bdietx tintefa' jew tinnokkja meta ppruvat issuqha. L-attriċi qalet ukoll li l-konvenuta ma kinitx qaltilha jekk qattx saqet il-karozza t'ommha qabel, iżda kien jidher ċar li hija kienet taf issuq.

L-espert mediku **Mr Joseph Briffa** ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-23 ta' Ottubru, 2016[17], fejn jgħid li mill-eżami li għamel fuq l-attriċi u mir-riċerka li għamel fir-*records* mediċi tagħha, irriżulta li dakinhar tal-inċident din iddaħħlet l-Isptar bi ġrieħi serji f'wiċċha, u mill-eżamijiet radjoloġiċi li sarulha permezz ta' *ultrasound* u *CT scan,* irriżulta li hija kellha ġrieħi fil-fwied bid-demm miġmugħ taħt il-qoxra ta' barra tal-fwied. Mr Briffa kkonstata wkoll li minħabba fil-ġrieħi li sofriet konsegwenza tal-inċident, l-attriċi tilfet sentejn skola minħabba li kellha tirrepeti xi snin. Il-konklużjoni li wasal għaliha l-espert mediku kienet li b'konsegwenza tal-inċident l-attriċi ġarrbet għadd ta' merki (ċikatriċi) li huma permanenti, ġilda ħarxa fuq in-naħa tax-xellug tal-ġbin, nuqqas ta' xagħar fuq in-naħa tax-xellug tal-ġbin, u nuqqas ta' xagħar fil-kappell tal-għajn tax-xellug. Mr Briffa qal ukoll li l-ġrieħi u l-merki li kellha f'wiċċha fiequ sew u maż-żmien iċċaraw, iżda baqgħu viżibbli u l-fatt li qegħdin fil-wiċċ jagħmilhom aktar evidenti. Fil-fehma tal-espert mediku, ir-rata ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi hija ta' 15%.

Il-kontroeżami tal-attriċi kompla fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2017[18], u din ikkonfermat li fir-rigward ta' dak li ġara dakinhar tal-inċident, hija għandha memorja ta' x'kien li ġara sakemm hi u l-konvenuta kienu waslu fit-*tunnels* ta' Santa Venera. Qalet ukoll li tiftakar ċar li huma kienu saqu f'karreġġjata ħażina meta kienu għaddejjin minn Tas-Sliema, u li f'ħin minnhom kienet se tidħol fuqhom karozza tal-linja. L-attriċi qalet li hija tiftakar li meta kienu Tas-Sliema hija kienet qalet lill-konvenuta li se ttella' l-*handbrake*, u kompliet tgħid li kieku għamlet hekk xi ħadd mill-partijiet żgur li kien jibqa' mejjet, u dan minħabba l-veloċità li bdiet issuq biha l-konvenuta. L-attriċi kkonfermat li l-

[17] *A fol.* 195 tal-proċess.
[18] *A fol.* 201 tal-proċess.

konvenuta kienet ħadet iċ-ċwievet tal-ġenituri tagħha waqt li dawn kienu reqdin, u li dawn ma kinux jafu x'kien qed jiġri.

L-attriċi esebiet għadd ta' ċertifikati akkademiċi tagħha[19], kif ukoll kopji tar-rendikonti tat-taxxa għall-impjiegi *part-time* li hija kellha, għalkemm jirriżulta li dawn jirrisalu għal madwar tlieta jew erba' snin wara li seħħ l-inċident.[20]

Il-konvenuta Shanylee Reed għażlet li tixhed bil-mezz tal-a*ffidavit*[21] fejn qalet li fit-13 ta' Frar, 2011 hi kienet stiednet lil għadd ta' ħbieb mill-iskola sabiex imorru d-dar tal-ġenituri tagħha. Qalet li waqt li l-ġenituri tagħha kienu reqdin, hi ħarġet bl-idea li joħorġu dawra bil-karozza ta' ommha, u filwaqt li tnejn mill-ħbieb li kienu għandha xejn m'għoġbithom l-idea li joħorġu dawra bil-karozza, Fleur Debono, l-attriċi, ddeċidiet li tmur magħha. Il-konvenuta qalet li hi u l-attriċi kienu qablu li jkun aħjar jekk jaqbżu mit-tieqa tal-kamra tas-sodda, għaliex beżgħu li jekk joħorġu mill-bieb ta' barra jqajmu lill-ġenituri tal-konvenuta. Qalet ukoll li l-ewwel ma qabżet barra mit-tieqa kienet l-attriċi, u hekk kif qabżet din ġiet fuq is-saqaf tal-vettura ta' ommha, vettura tal-marka Opel, u mal-qabża kkaġunat ħsara fis-saqaf tal-istess vettura. Il-konvenuta kkonfermat li kienet hi li bdiet issuq il-vettura ta' ommha, iżda li kif startjatha, din bdiet tieqaf, u hi basret li ġara hekk minħabba li din ma kellhiex petrol. Il-konvenuta qalet li wara li pparkjaw il-vettura ta' ommha lura f'postha, anki bil-għajnuna ta' wieħed mill-ġirien li dak il-ħin inzerta barra, hi u l-attriċi daħlu ġewwa, u li hi dak il-ħin kienet inkwetata minħabba l-ħsara kkaġunata fuq il-vettura ta' ommha, billi din kienet intlaqtet mal-ħajt meta kienu ppruvaw

19 *A fol.* 208 sa 214 tal-proċess.
20 *A fol.* 215 sa 219 tal-proċess.
21 *A fol.* 222 tal-proċess.

idaħħluha lura f'postha. Il-konvenuta qalet li dak il-ħin l-attriċi ħarġet bl-idea li kif kienu diġà ġew fl-inkwiet, setgħu jmorru dawra bil-karozza tal-missier.

Il-konvenuta kompliet tgħid li dak il-ħin hija ddeċidiet li tmur iġġib iċ-ċwievet tal-vettura ta' missierha minn ġol-kċina, u li din kienet l-ewwel darba li hi saqet karozza f'ħajjitha. Qalet ukoll li kienet l-attriċi stess li bdiet tgħidilha minn fejn għandha tgħaddi minħabba li ma kinitx familjari mat-toroq. Hi kompliet tgħid li hekk kif kienu fi Triq Aldo Moro, l-attriċi kienet qaltilha li kienet ser ittella' l-*handbrake* biex tnaqqas mill-veloċità. Il-konvenuta kompliet tgħid li:

> "Waqt li kont qed insuq fit-triq id-dritta ta' Aldo Moro, f'daqqa waħda, tlift il-kontroll tal-karozza u tant kemm l-i*steering* ġibed bis-saħħa lejn in-naħa tax-xellug, jien lanqas kelli saħħa biżżejjed sabiex niddritta u l-karozza baqgħet dieħla ġo siġra. Jien konvinta li Fleur għollietli l-*handbrake* għaliex it-triq kienet dritta u ma kienx hemm ma' xiex naħbat għaliex karozzi dak il-ħin ftit li xejn kien hemm u fil-fatt qabel ma dħalna fis-siġra, jien ma ħbatt ġo l-ebda karozza oħra, Iżda ftit sekondi qabel, Fleur kienet qaltli li kienet ser tiġbed il-*handbrake*. Jien kont ġa għidtilha li jekk ser tiġbed il-*handbrake*, jien kont ser nitlef il-kontroll tal-karozza."

Il-konvenuta Shanylee Reed ikkonkludiet l-*affidavit* tagħha billi qalet li hi qatt ma kienet saqet qabel, u li mhux minnu li hi u l-attriċi qatt kellhom xi problemi bejniethom. Qalet ukoll li l-attriċi kienet reġgħet bdiet tkellimha wara l-inċident, u li kienet qaltilha li kienet qed tagħmel dan bil-moħbi ta' ommha. Il-konvenuta qalet ukoll li mhux vera li kien għadda l-ħin bejn meta l-attriċi qalet li kienet ser ittella' l-*handbrake* u l-ħin tal-inċident.

Missier il-konvenuta, **Brian Reed**, ukoll xehed bil-mezz tal-*affidavit*[22], u dan qal li hu kellu żewġ karozzi rreġistrati fuq ismu, it-Toyota li kellhom l-inċident biha

[22] *A fol.* 226 tal-proċess.

bintu Shanylee u l-attriċi, u karozza tal-marka Opel Corsa. Hu qal li lejlet l-inċident hu kien daħal lura d-dar fis-sigħat bikrin ta' filgħodu minħabba li kien xogħol bħala *maintenance worker* f'Dar il-Mediterran, fejn kien qiegħed isir il-Eurovision, u li meta rritorna d-dar kien induna li bintu Shanylee kienet stiednet xi ħbieb id-dar li baqgħu reqdin hemm. Il-konvenut qal li kien għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu meta marret tqajmu martu, u infurmatu li binthom Shanylee kienet involuta f'inċident tat-traffiku waqt li kienet qiegħda ssuq il-karozza tiegħu. Qal li dak il-ħin hu induna li bintu u waħda minn sħabha ma kinux qegħdin id-dar, u li meta mar biex jistartja l-vettura tal-marka Opel, ma rnexxilux jagħmel dan. Qal ukoll li kien wieħed mill-ġirien li wassal lilu u lil martu l-ewwel il-Marsa fejn seħħ l-inċident, u wara l-Isptar. Ix-xhud qal ukoll li hu ma kienx jaf li bintu kienet ser tieħu ċ-ċwievet tal-karozza tiegħu jew li din kienet ser tipprova ssuq, għaliex kieku żgur ma kienx jippermetti li jsir dan. Qal ukoll li wara l-inċident il-vettura tal-marka Toyota kellha tiġi *scrapped,* u li din kienet irreġistrata biex tinstaq minn persuni li għandhom aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena. Qal ukoll li sa fejn jaf hu, qabel dan l-inċident Shanylee qatt ma saqet l-ebda vettura u li la hu u lanqas ommha qatt ma tawha xi ċwievet.

Omm il-konvenuta, **Romina Reed**, ukoll xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[23], u filwaqt li kkonfermat il-fatti kif intqalu minn żewġha, hija saħqet li hi u żewġha qatt ma ppermettew lil binthom issuq karozzi jew tawha xi ċwievet biex issuq. Qalet ukoll li t-tfajliet għamlu kollox bil-moħbi, u tant kemm ma ridux jinqabdu, qabżu minn tieqa fil-kamra tas-sodda minflok ħarġu barra mill-bieb prinċipali tad-dar.

[23] *A fol.* 228 tal-proċess.

Xehdet ukoll bil-proċedura tal-*affidavit* **Raisa Bugeja**[24], waħda mill-ħbieb ta' Shanylee Reed u ta' Fleur Debono li dakinhar tal-inċident kienet ukoll raqdet id-dar tal-ġenituri tal-konvenuta, li kkonfermat li huma kienu klikka ta' ħbieb li ltaqgħu fl-iskola li kienu jattendu. Din ix-xhud allegat iżda li kienet tkun l-attriċi li toħroġ b'ideat għall-praspar li huma kienu joħolqu, u li l-konvenuta ma kinitx teżerċita xi forma ta' pressjoni fuq l-attriċi. Ix-xhud qalet li fis-sigħat ta' qabel l-inċident, hi u sħabha kienu qagħdu fid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta Shanylee Reed jaraw it-televiżjoni, u li kienu baqgħu imqajmin sas-sigħat bikrin ta' filgħodu, meta f'ħin minnhom Shanylee ħarġet bl-idea li dawn imorru dawra bil-karozza ta' ommha. Qalet ukoll li hi u l-ħabiba oħra li kienet magħhom, ċerta Bernice Muscat, ma ridux jirkbu f'karozza misjuqa minn xi ħadd li m'għandux liċenzja, iżda lill-attriċi kienet għoġbitha l-idea, tant li marret mal-konvenuta. Din ix-xhud spjegat ukoll kif wara li rnexxielhom jistartjaw il-vettura ta' omm l-attriċi u sabu li din ma kellhiex petrol, Fleur (l-attriċi) kienet ħarġet bl-idea li jmorru dawra bil-karozza ta' missier Shanylee. Ix-xhud qalet li dak il-ħin kienu saru kważi l-ħamsa ta' filgħodu. Ix-xhud qalet li fil-ħin tal-inċident, hi kienet rieqda d-dar tal-ġenituri tal-konvenuta, u li saret taf bl-inċident mingħand omm il-konvenuta. Qalet ukoll li wara xi jiem, kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenuta kienu ħarġu mill-Isptar u reġgħu bdew imorru l-iskola, u li wara bdew jattendu l-*Higher Secondary* flimkien.

Fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2017 xehed il-**PL Mario Buttigieg**[25], li kien ġie maħtur mill-maġistrat inkwirenti sabiex iħejji r-rapport dwar l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud fir-rapport tiegħu kien ikkonstata li l-inċident inkwistjoni seħħ fi Triq Aldo Moro, f'liwja partikolari fid-direzzjoni lejn Raħal Ġdid. Ix-xhud qal li bħala

[24] *A fol.* 240 tal-proċess.
[25] *A fol.* 248 tal-proċess.

parti mill-investigazzjoni li hu għamel, kien sema' lill-partijiet kif ukoll eżamina l-karozza li kienet involuta fl-inċident. Ix-xhud qal li l-vettura involuta fl-inċident ġarrbet ħsarat estensivi, u li kienet *beyond economical repair.* Hu qal li biex inħarġet il-passiġġiera u s-sewwieqa tal-karozza kellhom jintervjenu uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili. Madanakollu x-xhud ma kienx ċar dwar jekk wara l-inċident, lilu rriżultalux li l-*handbrake* tal-vettura kienx imtella' jew jekk dan kienx ġie mttella' qabel seħħ l-impatt. Ix-xhud għamel riferiment għax-xhieda tal-konvenuta Shanylee Reed li kienet qalet li l-attriċi kienet talbitha tnaqqas mill-veloċità inkella kienet ser tiġbdilha l-*handbrake.* Ix-xhud għamel riferiment wkoll għal parti oħra mix-xhieda tal-konvenuta fejn qalet li peress li kien beda jsir il-ħin, hi bdiet issuq b'aktar veloċità sabiex ifittxu jaslu d-dar, u li kienet qaltlu wkoll li hi qatt ma kienet saqet qabel dakinhar. Ix-xhud qal ukoll li waħda mit-tfajliet kienet qalet illi hekk kif kienet qed tispinnja l-karozza, hija ġibdet il-*handbrake*. Madanakollu, ftit tal-mumenti wara ix-xhud ikkoreġa dak li qal:

> "Mix-xhieda jirriżulta li l-*handbrake* jekk ittella', għax fl-aħħar mill-aħħar ma nafx jekk ittellax jew le, għadni kif qrajt ix-xhieda ta' Fleur Debono …"

F'dan il-punt, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tax-xhud li lanqas dik ix-xhieda ma kienet tgħid li l-*handbrake* kien ittella', u li dak li kienet tgħid ix-xhieda tal-attriċi kien li jekk il-konvenuta Shanylee Reed kienet se tibqa' ssuq b'mod eċċessiv, l-attriċi kienet ser tgħolli l-*handbrake.* Għar-rimarka tad-difensur tal-konvenuta Shanylee Reed, li ladarba l-partijiet sofrew ġrieħi gravi, dan kien indikattiv tal-fatt li xi ħadd tella' l-*handbrake,* ix-xhud qal li dan mhux neċessarjament kien il-każ, u li fuq il-post tal-inċident kien hemm *skid marks* li saru meta l-karozza tilfet il-kontroll, u mhux għax xi ħadd ġibed il-*handbrake.* Lix-xhud sarlu riferiment għar-ritratt li jinsab *a fol.* 53 tal-proċess, li juri l-

*handbrake* tal-vettura mgħolli, u qal li hu ma jistax jgħid jekk il-*handbrake* ittellax qabel jew wara l-inċident. Madanakollu x-xhud qal ukoll li kieku l-*handbrake* ittella' qabel jew waqt l-inċident, il-vettura kienet iddur 360 *degrees,* u li mit-*tyre marks* ta' mal-art kien jinduna li kieku ġara hekk. Ix-xhud qal li minkejja li hu kien sema' x-xhieda tal-attriċi li qalet li kienet ser ittella' l-*handbrake* tal-vettura minħabba li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'veloċità eċċessiva, lilu ma rriżultalux li fil-fatt il-*handbrake* ġie mtella'. Ix-xhud qal li l-inċident kien ikkawżat minħabba li s-sewwieqa tilfet il-kontroll tal-vettura.

Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017 xehed **Joseph Zammit**[26], li ukoll kien ġie maħtur bħala espert fl-inkjesta maġisterjali li kienet saret wara l-inċident, u li kien inħatar sabiex jeżamina l-vettura. Ix-xhud qal li hu jiftakar li l-vettura kienet maħbuta ġo siġra fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, iżda meta ġie muri r-ritratti tal-vettura minn ġewwa, partikolarment tal-pożizzjoni tal-i*steering* u tal-*handbrake,* ma setax jikkonferma jekk kienx ra xi ħaġa partikolari li seta' jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti fuqha.

Permezz ta' rikors bid-data tad-19 ta' Ottubru, 2017, il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens stabbilit *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 403 tal-Liġijiet ta' Malta (minn issa "l-fond intervenut") għamel talba sabiex jitħalla jintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis*, u dan minħabba nuqqas ta' qbil mal-pożizzjoni li ħadet l-intervenuta fil-kawża s-soċjetà Untours Insurance Agency Limited. Permezz ta' digriet tal-20 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti laqgħet din it-talba.

[26] *A fol.* 261 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 reġgħet xehdet il-konvenuta Shanylee Reed[27], li qalet li ftit taż-żmien wara l-inċident, hija u l-attriċi kienu reġgħu bdew jitkellmu u joħorġu flimkien. Hi esebiet ukoll għadd ta' *chats* li l-partijiet kellhom bejniethom.[28]

Is-soċjetà intervenuta fil-kawża **Untours Insurance Agency Limited** ippreżentat l-*affidavit* ta' **Richard Vella**[29], is-CEO tagħha, li qal li dakinhar tal-inċident, il-vettura inkwistjoni kienet assikurata taħt polza *comprehensive* sabiex isuquha persuni li għalqu l-ħamsa u għoxrin sena. Huwa qal li s-soċjetà intervenuta ma tistax tkopri l-ispejjeż ta' dan l-inċident, u dan minħabba li s-sewwieqa tal-vettura ma kellhiex liċenzja tas-sewqan *stante* li kien għad kellha biss ħmistax-il sena.

Il-kontroeżami tal-konvenuta Shanylee Reed sar fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018[30], li qalet li kienet hi li ħarġet bl-idea li jmorru dawra bil-karozza ta' ommha, għalkemm tnejn minn sħabha opponew l-idea. Mistoqsija kif kienet taf tixgħel il-karozza, il-konvenuta wieġbet,

> "Mhux kemm iddawwar iċ-ċavetta. Kien hemm il-*handbrake* mgħolli u l-*gear* fuq il-*free*, dawwart iċ-ċavetta u startjajt."

Il-konvenuta xehdet li hi qatt ma kienet saqet jew xegħlet karozza qabel, u li kienet taf x'għandha tagħmel minħabba li meta kienet tirkeb ma' missierha biex iwassalha x'imkien, kienet toqgħod tosservah. Hi qalet li għall-bidu li startjat il-vettura ta' ommha, din bdiet tħabbatha u bdiet issuq bl-iskossi, u ftit ħin wara indunat li fil-karozza ma kienx hemm petrol, u kien għalhekk li hi

---

[27] *A fol.* 267 tal-proċess.
[28] *A fol.* 268 sa fol. 272 tal-proċess.
[29] *A fol.* 274 tal-proċess.
[30] *A fol.* 283 tal-proċess.

u l-attriċi ddeċidew li jippruvaw idaħħlu l-karozza lura fejn kienet, għalkemm meta għamlu dan laqtu l-bieba ma' kantuniera u għamlu xi ħsara fil-*mudguard*. Qalet ukoll li f'ħin minnhom kien hemm raġel fit-triq li għenhom idaħħlu l-karozza f'postha, billi startjaha u daħal isuqha hu. Il-konvenuta spjegat kif minkejja li l-karozza ta' missierha bdiet tħabbatha kif startjatha, u qalet li dan ġara minħabba li hi qatt ma kienet saqet qabel, xorta waħda ma ħasbitx li għandha tieqaf milli tkompli ssuq il-vettura. Shanylee Reed ikkonfermat li fit-triq, l-attriċi li kienet riekba ħdejha, bdiet tgħidilha biex issuq bil-galbu, u li jekk ma kinitx ser tnaqqas mill-veloċità, kienet ser tgħollilha l-*handbrake.* Il-konvenuta qalet li hi kienet wieġbet li jekk xi ħadd jgħolli l-*handbrake* waqt is-sewqan, il-vettura titlef il-kontroll. Hi kompliet tgħid li wara ftit tal-ħin, u xħin il-partijiet kienu tbiegħdu biċċa sew mid-dar, hi qabadha paniku minħabba li kienet taf li missierha kellu bżonn il-karozza biex jerġa' jidħol ix-xogħol. Qalet ukoll li dak il-ħin bdiet issuq bl-għaġġla. Il-konvenuta qalet ukoll li minkejja t-twissijiet tal-attriċi u minkejja li din kienet qaltilha li ser ittella' l-*handbrake* jekk hija ma tnaqqasx il-veloċità, hi qatt ma rat id l-attriċi fuq il-*handbrake.* Il-konvenuta qalet li minkejja li hi ma rat xejn fl-imġiba tal-attriċi li ssuġġeritilha li din għolliet il-*handbrake*, madanakollu hi kienet konvinta li hija tilfet il-kontroll tal-vettura minħabba li l-attriċi għolliet il-*handbrake,* u dan minħabba li dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident kienet dritta, u ma kien hemm xejn x'ixekkel lill-konvenuta jew li seta' jikkawża l-inċident. Il-konvenuta qalet ukoll li hekk kif seħħ l-impatt, hi intilfet għal ftit u li l-ewwel ħaġa li tiftakar wara l-impatt kienet li hekk kif ġiet f'tagħha u bdiet tgħajjat lill-attriċi, hija bdiet ixxomm riħa ta' ħruq tant li bdiet tibża' li l-vettura ser tieħu n-nar. Shanylee Reed qalet ukoll li kien diffiċli ħafna għaliha li toħroġ mill-vettura minħabba li l-bieba ma kinitx tinfetaħ faċilment. Ix-xhud qalet

ukoll li l-partijiet kienu weġġgħu t-tnejn li huma, u li ftit tal-ħin wara l-inċident huma ttieħdu l-Isptar għalkemm ittieħdu f'taqsimiet differenti u kienu separati minn xulxin. Ix-xhud qalet ukoll li minkejja li hi ma kinitx taf preċiżament x'ġara, kienet qiegħda tissupponi li l-inċident ġara minħabba li l-attriċi għolliet il-*handbrake.* Mill-kontroeżami ħareġ ukoll li l-konvenuta ma kinitx taf kemm kienet il-veloċità li kienet għaddejja biha.

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018 sar il-kontroeżami tal-konvenut **Brian Reed**[31], missier il-konvenuta, li kkonferma li l-vettura li ħabtet biha bintu kienet assigurata u li kellha l-liċenzja u l-*insurance* imħallsin. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li dakinhar li seħħ l-inċident hu fittex il-karozza tiegħu u ma sabiex, hu ma rrappurtax li l-vettura kienet misruqa.

Fl-udjenza tat-18 ta' April, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Raisa Bugeja**[32], li qalet li meta ġie suġġerit li jmorru dawra bil-karozza, hi kienet għadha mqajma. Ix-xhud qalet li l-idea jmorru dawra bil-karozza ħarġet biha l-konvenuta, u li biex ħarġu mid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta, Shanylee Reed u Fleur Debono kienu qabżu mit-tieqa. Ix-xhud qalet li omm il-konvenuta saret taf li bintha kienet ħarġet bil-karozza wara li seħħ l-inċident u li din kienet avviċinat liż-żewġ tfajliet li kienu għadhom reqdin id-dar tagħha sabiex tara kif bintha ħarġet mid-dar. Ix-xhud qalet ukoll li wara li Shanylee Reed ma rnexxilhiex issuq il-vettura ta' ommha, kienet l-attriċi li bdiet tħeġġiġha biex joħorġu bil-vettura tal-missier. Ix-xhud qalet ukoll li ma kienx hemm xi pressjoni da parti ta' xi ħadd jew ieħor biex xi ħadd mill-erba' tfajliet jirkeb fil-vettura mal-konvenuta.

[31] *A fol.* 296 tal-proċess.
[32] *A fol.* 306 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Qabel tevalwa l-provi mressqa rigward il-mertu ta' din il-vertenza, il-Qorti sejra tindirizza l-ewwel eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, rigward il-preskrizzjoni o meno tal-azzjoni attriċi. L-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel riferiment għal azzjonijiet għad-danni li ma jirriżultawx minn reat kriminali, u għaldaqstant dan l-artikolu tal-liġi m'għandux applikazzjoni għall-proċeduri odjerni *stante* li jirriżulta bl-aktar mod ampju li fil-każ odjern kien hemm responsabbilità kriminali x'tinġar, tant li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-partijiet. Għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, dan jistabbilixxi illi:

> "Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

Il-Qorti stabbiliet f'diversi sentenzi li fir-rigward ta' azzjonijiet għad-danni li jitnisslu minn inċidenti awtomobilistiċi, tapplika l-preskrizzjoni kif regolata bl-artikolu 2154 tal-Kap. 16. Hekk per eżempju f'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[33], il-Qorti stabbiliet li d-danni sofferti b'konsegwenza ta' inċident stradali li fih l-attur allegatament sofra debilità permanenti, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ikkontemplata fl-artikolu 2154.

Fil-każ odjern, ir-reat kriminali li ammettiet il-konvenuta Shanylee Reed kien dak *ai termini* tal-artikoli 218 u 226(1) tal-Kap. 9, u ċjoè ta' offiża gravi fuq il-persuna tal-attriċi li konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża sofriet ġrieħi li kkawżaw sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ. Għaldaqstant it-terminu

[33] P.A., 08.10.2004.

preskrittiv applikabbli huwa dak ta' ħames snin *ai termini* tal-artikolu 688(d) tal-istess Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-azzjoni proposta mill-attriċi mhijiex preskritta *stante* li ġiet intavolata entro dan it-terminu, u għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda.

Il-Qorti kkunsidrat il-provi mressqa quddiemha, minn fejn jirriżulta li l-konvenuta Shanylee Reed u l-attriċi Fleur Debono, li kienu minorenni fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, it-tnejn li huma aġixxew b'irresponsabbilità u b'immaturità kbira, li wieħed ċertament ma jistenniex minn tfajliet ta' ħmistax-il sena. Jidher li kollox beda meta l-konvenuta Shanylee Reed stiednet tlett iħbieb tagħha jmorru fid-dar tal-ġenituri tagħha sabiex joqogħdu jaraw it-televiżjoni u wara jorqdu għandha. Għal xi raġuni, f'nofs ta' lejl din qamet u ħajret lil sħabha jmorru dawra magħha bil-karozza ta' ommha, u dan minkejja skont kif xehdet hi stess, hi qatt ma kienet saqet l-ebda karozza qabel. Minn tlett iħbieb, kienet l-attriċi biss li aċċettat li tmur dawra mal-konvenuta. Il-konvenuta min-naħa tagħha ma kellha l-ebda problema sabiex tidħol fil-kċina tad-dar tal-ġenituri tagħha, tieħu minn hemm iċ-ċavetta tal-karozza ta' ommha, u wara li taqbeż mit-tieqa tal-kamra tas-sodda fejn kienu reqdin hi u sħabha, tixgħel il-karozza ta' ommha u tipprova ssuqha, tant li ħarġitha mill-*parking slot* u rnexxielha ssuqha għal ftit sakemm il-karozza waqfet minħabba li ma kellhiex petrol. Kien hawnhekk li l-partijiet iddeċidew li la ma rnexxiex il-pjan li joħorġu bil-karozza tal-omm, jippruvaw joħorġu bil-karozza tal-missier. Il-partijiet ma qablux bejniethom dwar ta' min kienet din l-idea, u filwaqt li l-konvenuta ammettiet li kienet hi li ħajret lil sħabha joħorġu magħha bil-karozza ta' ommha, hemm xhieda konfliġġenti dwar jekk kinitx l-attriċi li ħajret lill-konvenuta tipprova ssuq il-karozza ta' missierha, jew jekk kinitx il-konvenuta li ppuntat lejn il-karozza ta' missierha u infurmat lill-attriċi li jkun

aħjar jekk joħorġu biha, għaliex missierha żgur li ma kienx ser iħalli l-karozza bla petrol. Kienet ta' min kienet l-idea, iż-żewġ tfajliet li fl-età ta' ħmistax-il sena mmisshom kienu jafu ferm u ferm aħjar, iddeċidew li t-tnejn li huma jirkbu fil-karozza tal-missier u minn l-Isla jmorru dawra sa Paceville.

Quddiem dawn il-provi u dikjarazzjonijiet, il-Qorti għandha diffikultà kbira temmen li din kienet l-ewwel darba li l-konvenuta saqet karozza, anki jekk mhux neċessarjament kienet issuq il-karozzi tal-ġenituri tagħha u anki dwar dan, il-Qorti mhi teskludi xejn. M'hemm xejn verosimili f'dak li qalet il-konvenuta, li hi qatt ma kienet saqet qabel, u li kienet taf x'għandha tagħmel biss minħabba li kienet toqgħod tosserva lil missierha jsuq, meta wieħed jikkunsidra li wara lejl imqajma, din it-tfajla ta' ħmistax-il sena, irnexxielha tistartja vettura bħalma hi dik tal-għamla involuta fl-inċident (tip ta' *sports car*) u ssuq biha minn l-Isla sa Paceville u lura, bl-inċident iseħħ fil-Marsa, post relattivament viċin id-dar tagħha, wara li din allegatament tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha. Il-Qorti tqis li hu inverosimili li din kienet l-ewwel darba li l-konvenuta saqet, meta fi kliemha stess xħin indunat kemm kienu tbiegħdu mid-dar, din bdiet taċċellera fil-veloċità li ma jmurx jilħaq iqum missierha u jinduna x'kienet għamlet. Persuna minorenni, li tpoġġi bil-qiegħda wara *steering* ta' karozza għall-ewwel darba f'ħajjitha, ċertament li la tkun taf x'għandha tagħmel biex toħroġ karozza mill-*parking bay*, u lanqas ma jkollha l-livell ta' kunfidenza murija mill-konvenuta, li fl-età ta' ħmistax-il sena dehrilha li fis-sigħat bikrin tal-Ħadd filgħodu, għandha tmur dawra sa Paceville b'karozza li qatt ma saqet qabel, u agħar minn hekk issuq b'veloċità qawwija tant li beżżgħet lil min kien riekeb magħha.

Hu hawnhekk li l-Qorti tqis li għandha ddur fuq il-ġenituri tal-konvenuta, u għalkemm hija konxja tad-diffikultajiet li t-trobbija ta' tfal f'ċerti etajiet iġġib magħha, ma tistax taċċetta li l-ġenituri tal-konvenuta f'din il-kawża m'għandhomx iġorru wkoll ir-responsabbilità tagħhom. Il-Qorti mhix tippretendi li kull min għandu tfal f'etajiet li jafu jkunu diffikultużi għandu jaħbi kull ħaġa li tista' tkun ta' periklu fid-dar, bħalma huma ċ-ċwievet tal-karozzi, għaliex jekk dawn qatt ma ġiehom suspett li binthom setgħet kienet qiegħda ssuq, ċertament li ma kellhomx għalfejn jgħixu f'sitwazzjoni fejn joqogħdu jaħbu ċ-ċwievet tal-karozzi. Mill-provi madanakollu jirriżultalha li fil-lejl li fih seħħ l-inċident, fid-dar tal-koppja Reed kien hemm reqdin ħames tfajliet minorenni, iż-żewġt itfal tagħhom u t-tlett iħbieb ta' binthom Shanylee. Huwa possibbli li f'lejl li fih tospita ġo darek tliet tfajliet taħt l-età, tidħol torqod, u fl-ebda parti tal-lejl ma tqum tara jekk hux kulħadd rieqed jew jekk ġo darek humiex għaddejjin affarijiet li ġenitur responsabbli jaf li m'għandux jaċċetta? Huwa possibbli li fis-sitwazzjoni li ġiet deskritta waqt il-ġbir tal-provi, ta' ġiri fil-kċina, xegħil ta' dawl, tiftix għaċ-ċwievet, argumenti tat-tfajliet bejniethom dwar jekk hix idea tajba li joħorġu dawra bil-karozza meta ma kellhomx liċenzja tas-sewqan, qbiż mit-twieqi, startjar ta' magni tal-karozzi, wieħed jibqa' rieqed u fl-ebda ħin ma jisma' xejn, u agħar minn hekk, fl-ebda ħin ma jqum jiċċekkja erba' minorenni reqdin waħedhom f'kamra, x'inhuma jagħmlu? Quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-ġenituri tal-konvenuta Shanylee Reed għandhom iġorru parti mir-responsabbilità għall-akkadut, u dan minħabba li jidher ċar li dawn naqsu mill-obbligi tagħhom ta' ħarsien ta' minuri fdati fil-kustodja tagħhom bil-livell ta' diliġenza stabbilita mil-liġi.

F'dan il-punt, il-Qorti ser iddur sabiex tevalwa jekk l-imġiba tal-attriċi kinitx waħda li tirrendiha responsabbli almenu parzjalment għall-akkadut. Il-Qorti qieset li l-attriċi kienet mistiedna fid-dar ta' ħabiba tagħha, u li probabbilment qabel ma l-konvenuta ħarġet bl-idea li tieħu lil sħabha dawra bil-karozza ta' ommha, ma kinitx ser tkun hi, l-attriċi, li toħroġ bl-idea li hi u sħabha jmorru dawra bil-karozza. Il-konvenuti eċċepew id-difiża ta' *volenti non fit iniuria*, li jfisser li ħadd ma jista' jallega li sofra danni meta hu jkun aċċetta li jkun parteċipi f'attività li tesponih għar-riskju. Hemm tliet elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex jiġi deċiż li persuna minn jeddha ssottomettiet lilha nnifisha għal periklu li jippreludiha milli tagħmel talba għad-danni b'suċċess:

i. Il-vittma trid tkun aċċettat li twettaq il-ħaġa li esponietha għar-riskju;
ii. Il-vittma trid tkun aċċettat b'mod volontarju;
iii. Meta aċċettat, il-vittma kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih.[34]

Minn dak li semgħet il-Qorti, jidher li minkejja li l-attriċi aċċettat li tirkeb fil-vettura misjuqa mill-konvenuta Shanylee Reed, hi kienet taf li din bħalha kienet minorenni u li għalhekk ma kellha l-ebda liċenzja tas-sewqan. Madanakollu jidher li dak li kkonvinċa lill-attriċi tirkeb mal-konvenuta kien il-fatt li din tal-aħħar tatha assigurazzjoni li kienet taf issuq. Jidher ukoll, minn dak li setgħet tosserva l-attriċi, li l-konvenuta wriet li verament taf issuq, tant li l-karozza ta' ommha waqfitilha mhux għax bdiet tinnokkja jew għaliex hi ma kinitx taf x'għandha tagħmel biex toħroġha mill-*parking bay* wara li tistartjaha, iżda għax ma kellhiex petrol. Minkejja li hu risaput li persuna ta' ħmistax-il

[34] **David Gathergood *vs.* Anchor Bay Leisures Limited et,** P.A., 12.03.2012.

sena suppost taf li m'għandhiex tagħmel dak li għamlet l-attriċi, il-Qorti hi tal-fehma li ma jissussistux l-elementi kollha neċessarji biex jiġi stabbilit li l-attriċi gratwitament daħlet għal avventura li kienet taf li ser twassalha biex tgħaddi minn inċident li konsegwenza tiegħu spiċċat tissielet għal ħajjitha.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjoni li seta' kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi. F'sentenza fl-ismijiet **Mario Seguna et *vs.* Carmel Debono et**[35], ġie deċiż x'inhu dak li jikkwalifika bħala 'negliġenza kontributorja':

> "... biex ikun hemm negliġenza kontributorja f'każ fejn iseħħ inċident, jeħtieġ jintwera tajjeb biżżejjed li n-negliġenza tal-parti midruba tkun tali li, kieku mingħajrha, l-inċident ma kienx iseħħ. Għaliex meta n-negliġenza tal-vittma tkun tali li, min jiġi misjub responsabbli biex iħallas id-danni, seta' evita li jikkawża dawk id-danni b'attenzjoni ordinarja, allura r-responsabbilità ta' dak l-inċident ibatiha l-imħarrek."

Is-sottomissjoni dwar in-negliġenza kontributorja tal-attriċi saret fil-kuntest tal-konklużjoni li waslet għaliha l-konvenuta, li l-attriċi fil-mumenti ta' qabel l-inċident, għolliet il-*handbrake* tal-vettura li kienet qiegħda ssuq il-konvenuta. Madanakollu mill-provi prodotti ma jirriżultax li dan l-inċident seħħ proprju minħabba f'dak li qiegħda tallega l-konvenuta, u filwaqt li l-attriċi ma ċaħditx li hi kienet heddet lill-konvenuta li ser ittella' l-*handbrake* jekk din tibqa' ssuq b'veloċità eċċessiva, mill-provi minn imkien ma rriżulta li dan kien proprju dak li seħħ. Pjuttost li mix-xhieda tal-esperti li nħatru biex jirrelataw dwar il-każ għall-finijiet tal-inkjesta maġisterjali, irriżulta li l-inċident seħħ minħabba li għal xi raġuni l-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura, u li mkien ma kien

[35] P.A., 10.06.2005.

hemm marki tat-*tyres* fl-art li setgħu jindikaw li l-impatt seħħ minħabba li xi ħadd għolla l-*handbrake* f'salt.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għal dan l-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, kemm dawk materjali, kif ukoll dawk konsistenti fit-telf ta' qligħ futur li l-attriċi tilfet konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum emergens:*

L-attriċi pproduċiet għadd ta' rċevuti li jindikaw ħlasijiet u spejjeż li hi għamlet b'rabta ma' visti mediċi u trattamenti u kura li hi ħtiġilha tagħmel, li jirriżulta li jammontaw għal ħames mija u tmenin Euro (€580).[36]

*Lucrum cessans:*

Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, l-attriċi kienet għadha studenta, u li din qattgħet is-snin ta' wara l-inċident bħala studenta f'xi forma ta' istituzzjoni edukattiva jew oħra. Mhux magħruf jekk l-attriċi akkwistatx xi ħiliet partikolari li bis-saħħa tagħhom jista' jkun hemm prova tal-qligħ li l-attriċi setgħet tipprospetta li tagħmel fil-futur.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Joseph Briffa ikkonstata li konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi sofriet minn debilità permanenti ta' 15%. Il-Qorti temmen li għandha tagħmel tagħha din il-konklużjoni tenut kont tal-fatt li anki

[36] *A fol.* 99 sa 111 tal-proċess.

l-konsulent *ex parte* Mr Francis X Darmanin li marret għandu l-attriċi stabbilixxa li d-debilità permanenti sofferta minnha kienet ta' madwar 17%. Il-Qorti qieset ukoll li l-evalwazzjoni li għamel l-espert maħtur minnha, saret f'data aktar riċenti. F'każ pjuttost riċenti, fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello** et[37], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal ta' din il-kawża:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – ('**Savona vs Asphar'**, Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et'**, Appell, 20.07.1994)."

Tenut kont li ma tressqet ebda prova dwar kemm hu l-qligħ li l-attriċi tipprospetta li taqla' ladarba ttemm l-istudji tagħha, il-Qorti tikkunsidra li almenu hija dejjem ser tkun qiegħda taqla' l-ekwivalenti tal-paga minima, u għalhekk fin-nuqqas ta' prova aħjar, ser tkun qiegħda tadotta r-rata tal-paga

[37] P.A., 25.02.2016.

minima fis-sena li fiha seħħ l-inċident bħala bażi għall-fini tal-komputazzjoni tad-danni li trid tagħmel.

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis l-paga minima nazzjonali fis-sena 2011 kienet ta' €7,479.16 għal persuna taħt is-sbatax-il sena.[38] Dan l-ammont irid jiġi aġġustat għall-għoli tal-ħajja[39] għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti. Dan ifisser li fuq medda ta' 40 sena, il-paga medja ta' Fleur Debono kienet mistennija li tiżdied għal €10,351.16 (€7,479.16 x 0.96 x 40). Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja fuq l-imsemmi perijodu, €7,479.16 + €10,351.16 / 2, is-salarju medju ta' Fleur Debono kien mistenni li jkun fl-ammont ta' €8,915.16.

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[40] ġie stabbilit li huwa:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*.
> ...
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil

[38] L.S. 452.71.

[39] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi, "meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

[40] Q.A., 05.03.1986.

> tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Madanakollu, f'sentenzi aktar riċenti l-Qrati tagħna qiesu li jkun ġust li l-*multiplier* ikun irregolat skont l-età tal-vittma, u għal persuna li tkun għadha m'għalqitx sittax-il sena, ġie kostantement ikkunsidrat li l-*multiplier* għandu jkun ta' 40.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta, dak li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien fl-intavolar tal-kawża jew id-dewmien tal-proċeduri. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tħoss li ma kienx hemm tali dewmien, u li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe *vs.* Emanuel Xuereb pro et noe**[41], il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal *lump sum payment* jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

Tenut kont tal-fatt li din il-kawża ġiet intavolata fl-2016, u l-ġudizzju qiegħed jingħata ftit aktar minn sentejn wara, il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis.

[41] P.A., 05.10.1995.

Għalhekk is-somma li qiegħda tiġi likwidata bħala *lucrum cessans* f'dan il-każ hija ta' €8,915.16 x 40 *(multiplier)* = €356,606.40 x 15% diżabilità = €53,490.96 - 20% *(lump sum payment)* = €42,792.77, li magħdud mad-danni attwali sofferti mill-attriċi, tammonta għal **€43,372.77**.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tiddikjara illi l-inċident illi seħħ fit-13 ta' Frar, 2011 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, seħħ unikament tort tal-konvenuti Shanylee Reed, Brian Reed u Romina Reed;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf, tliet mija u tnejn u sebgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€43,372.77);**

4. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi *in solidum* bejniethom is-somma hekk likwidata bħala danni.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Ottubru, 2012, dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment mar-Rikors Maħluf, u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.